**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Gunju 2019**

**Talba Nru: 6/19 CZ**

**Katia Baldacchino (ID 311888 (M)**

**vs.**

**Christian Mifsud (ID 270683 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fil-21 ta' Jannar 2019 li biha premettiet:

Illi l-attrici kienet f'relazzjoni mal-intimat Christian Mifsud, minn liema relazzjoni twieldu tlett'itfal, liema relazzjoni llum spiccat.

Illi skond digriet li nghata fit-8 ta' Jannar 2018 mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) numru 1517/17 (kopja legali hawn annessa), il-Qorti ordnat sabiex pendenti lite u

b'effett mid-19 t'Ottubru 2017, Christian Mifsud ihallas hames mija u hamsin (€550) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri Amber, Sven u Zayden.

Illi sal-gurnata tal-prezentata ta' din it-talba, il-manteniment komplessivament fl-ammont ta' elf, sitt mija u hamsin Euro (€1,650) ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2017 baqghu ma thallsux mill-intimat u ghaldaqstant Christian Mifsud huwa debitur fl-ammont mitlub ta' €1,650, bl-interessi mid-data tal-ittra ufficcjali u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz l-ittra ufficcjali.

L-intimat ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-2 ta' Mejju 2019 li permezz taghha wiegeb:

Illi t-talba tal-attrici hija infondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi l-konvenut dejjem hallas dak kollu illi kien obbligat ihallas, u tali talba u s-segwenti [sic] pretensjonijiet thallsu fl-intier taghhom u gew michuda mill-Onorabbliu Qorti tal-Magistati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali). Ghaldaqstant, it-talba ghandha tigi michuda fl-intier taghha.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda tal-**attrici Katia Baldacchino**[1], li qalet li l-intimat huwa missier it-tliet minuri uliedha. Qalet ukoll illi b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-intimat kellu jhallasha l-manteniment mid-19 t'Ottubru 2017, izda minflok beda jhallasha minn Frar 2018, u ghalhekk kellu jhallasha ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2017, u dan ghas-somma ta' hames mija u hamsin Euro (€550) kull xahar. L-attrici esebit ukoll id-digriet relattiv u li xehdet fuqu, u qalet li dan id-digriet ma nbidilx.

It-Tribunal ra wkoll id-digriet a fol. 35 tal-process li minnu jirrizulta illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lill-intimat ihallas li r-rikorrenti hames mija u hamsin Euro (€550) kull xahar ghall-minuri in kwestjoni, li jinkludi l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, u dan b'effett mid-19 t'Ottubru 2017.

Illi l-**attrici Katia Baldacchino** regghet xehdet fis-seduta tal-24 ta' Gunju fejn ikkonfermat li l-ammont mitlub huwa ghat-tliet xhur li ssemmew precedentement, u ghamlet referenza ghad-digriet appena msemmi.

Illi l-konvenut inghata l-opportunita' li jressaq il-provi tieghi fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2019, izda la deher ghas-seduta u wisq inqas ressaq provi.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

---

[1] Fol. 26

Illi din hija  kawza fejn l-attrici qed titlob il-hlas ta' manteniment pagabbli mill-intimat skond digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li ghalkemm inghata fit-8 ta' Jannar 2018, kien ikopri l-perjodu sa mid-19 t'Ottubru 2017.

Illi skond dan id-digriet ghalhekk, l-obbligu tal-hlas tal-manteniment dahal fis-sehh fid-19 t'Ottubru 2017.  Ghalkemm fil-process kriminali jidher li l-konvenut inheles mir-responsabbilta' kriminali dwar in-nuqqas ta' hlas ghal dawn it-tliet xhur partikolari, ma jistax jinghad l-istess ghar-responsabbilta' tieghu tal-hlas fil-qasam civili.  Dan ghaliex l-obbligu tieghu inghata effett minn data specifika u m'hemm l-ebda raguni, u l-konvenut ma ta l-ebda gustifikazzjoni, ghalfejn ma hallasx ghal dawn it-tliet xhur partikolari, hlief ghall-fatt illi bl-ahhar eccezzjoni tieghu, qed jibbaza d-difiza tieghu fuq il-fatt illi l-qorti ta' kompetenza kriminali ma sabitux hati; haga din izda li m'ezoneratux ghal kollox mill-obbligu tal-hlas.

Illi ghalhekk in vista tal-fatt illi l-attrici rnexxielha tipprova l-pretensjoni taghha, u in vista tal-fatt ukoll illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova biex jikkontradixxi dak allegat mill-attrici, it-Tribunal jara li t-talba tal-attrici tisthoqq li tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba tal-attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf, sitt mija u hamsin Euro (€1,650), bl-imghax kif mitlub, sad-data tal-hlas effettiv.  L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur